MALTA

ATT Nru. XVI ta' l-2003

ATT mahruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jipprovdi dwar iż-żamma ta' elezzjonijiet għall-Parlament Ewoprew.

ACT No. XVI of 2003

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to make provision for the holding of elections to the European Parliament.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

GEORGE HYZLER
Aġent President

26 ta' Novembru, 2003

ATT Nru. XVI ta' l-2003

ATT biex jipprovdi dwar iż-żamma ta' elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu Att ta' l-2003 dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jidħlu fis-seħħ f' dik id-data li l-Prim Ministru jista' b' avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti dwar disposizzjonijiet differenti u għanijiet differenti tiegħu.

Tifsir.

2. F'dan l-Att kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att ta' l-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej, dwar l-elezzjoni tar-rappreżentanti ta' l-Assemblea b' vot dirett u universali, anness mad-Deċiżjoni 76/787/ECSE, KEE, Euratom pubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, kif emendat minn żmien għal żmien;

"awtorità kompetenti" tfisser dak il-korp fi Stat Membru li jkun inkarigat mit-tmexxija ta' l-elezzjonijiet ta' membri tal-Parlament Ewropew u r-reġistrazzjoni ta' eletturi għall-istess;

"Elenku Elettorali" fir-rigward ta' Malta tfisser ir-Reġistru Elettorali u r-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea u fir-rigward ta' Stati Membri oħra tfisser ir-reġistru uffiċjali ta' l-eletturi kollha li jkollhom jedd jivvotaw f'xi kostitwenza jew lokalità partikolari, redatt u aġġornat mill-awtorità kompetenti taħt il-liġi elettorali relattiva ta' l-Istat Membru jew ir-reġistru tal-popolazzjoni meta dak ir-reġistru jkun jindika l-eliġibilità għal vot;

"elezzjoni ta' membri tal-Parlament Ewropew" tfisser elezzjonijiet ta' membri tal-Parlament Ewropew miżmuma skond, u kif maħsub, fl-Att u fit-Trattat;

"Kummissjoni Elettorali" tfisser il-Kummissjoni Elettorali mwaqqfa bl-artikolu 60 tal-Kostituzzjoni;

Kap. 354.

"Parlament Ewropew" tfisser il-Parlament Ewropew imsemmi fit-Trattat;

"Reġistru Elettorali" tfisser ir-Reġistru Elettorali pubblikat skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali;

"Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea" tfisser ir-reġistru ta' eletturi li jinżamm skond l-artikoli 11 sa 14 ta' dan l-Att;

"Stat Membru" tfisser Stat li jkun membru ta' l-Unjoni Ewropea;

"Stat Membru ta' Nazzjonalità" tfisser l-Istat Membru li persuna tkun nazzjonali tiegħu;

"it-Trattat" għandha l-istess tifsira lilha mogħtija fl-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea;

"Unjoni Ewropea" tfisser l-Unjoni Ewropea msemmija fit-Trattat.

Elezzjoni ta' membri tal-Parlament Ewropew f'Malta.

3. L-elezzjoni ta' membri tal-Parlament Ewropew għandha ssir skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

Għadd ta' membri tal-Parlament Ewropew.

4. L-għadd ta' membri tal-Parlament Ewropew li għandhom jiġu eletti għandu jkun dak stabbilit bit-Trattat jew taħtu.

Data u ħin ta' l-elezzjonijiet.

5. (1) L-elezzjonijiet ta' membri tal-Parlament Ewropew għandhom isiru kull ħames snin bl-ewwel elezzjoni fl-2004, fit-tieni Sibt ta' Ġunju jew f'dik id-data oħra li l-Prim Ministru jista' b'avviż fil-Gazzetta minn żmien għal żmien jistabbilixxi.

(2) Il-votazzjoni tibda fis-7.00 ta' filgħodu u ttemm fl-10.00 ta' billejl.

Hi l-Kummissjoni Elettorali li tmexxi l-elezzjonijiet eċċ.

6. Ir-reġistrazzjoni ta' eletturi għall-Elezzjonijiet ta' membri tal-Parlament Ewropew, it-tmexxija ta' l-elezzjonijiet relattivi u l-għadd tal-voti jkunu r-responsabbiltà esklużiva tal-Kummissjoni Elettorali.

Metodu ta' l-Elezzjoni.

7. L-elezzjoni ta' membri tal-Parlament Ewropew għandha titmexxa skond il-prinċipju ta' rappreżentanza proporzjonali permezz ta' vot wieħed trasferibbli, fejn kull elettur ikollu vot wieħed biss għal dak.

Malta tifforma distrett elettorali waħdieni.

8. Għall-fini ta' l-elezzjoni ta' membri tal-Parlament Ewropew it-territorju ta' Malta tifforma distrett elettorali waħdieni.

Avviż ta' Elezzjoni.

9. Mill-inqas ħamsa u tletin jum qabel il-ġurnata stabbilita għall-elezzjoni ta' membri tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni Elettorali għandha toħroġ u tippubblika fil-Gazzetta avviż li jkollu l-għamla murija fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

Persuni li jkollhom jedd jivvotaw.

10. Kull persuna li isimha jkun jidher fir-Reġistru Elettorali li jkun ġie l-aħħar pubblikat qabel id-data stabbilita għall-elezzjoni u kull persuna li jkollha isimha jidher fir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea u li f' każ wieħed jew l-ieħor ma tkunx, wara l-pubblikazzjoni ta' dak ir-Reġistru Elettorali jew ta' dak ir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea, insabet ħatja ta' xi reat li jkollu x' jaqsam ma' l-elezzjoni ta' membri tal-Kamra tad-Deputati jew ma' l-elezzjoni ta' membri ta' Kunsilli Lokali jew ma' l-elezzjoni ta' membri tal-Parlament Ewropew, ikollha jedd tivvota fl-elezzjonijiet ta' membri tal-Parlament Ewropew.

Kwalifika ta' eletturi fir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea.

11. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 12, persuna tkun kwalifikata sabiex tkun reġistrata fir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea jekk:

(a) tkun nazzjonali ta' Stat Membru li isimha ma jkunx jidher fir-Reġistru Elettorali; u

(b) tkun meħtieġa jkollha, u hekk ikollha karta ta' identità skond l-Att dwar il-Karti ta' l-Identità; u

(ċ) ikollha ir-rekwiżiti elenkati fil-paragrafi (b) u (ċ) ta' l-artikolu 57 tal-Kostituzzjoni:

Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu residenza f'xi Stat Membru għandha titqies bħala residenza f'Malta; u

(d) tiddikjara li tkun se twettaq id-dritt tagħha li tivvota għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew f' Malta biss; u

(e) ma tkunx ġiet imċaħħda mid-dritt li tivvota fl-Istat Membru ta' Nazzjonalità tagħha,

u jekk ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-paragrafi (a) sa (e) ta' hawn fuq ma għandhiex tkun hekk kwalifikata.

Skwalifika ta' eletturi mir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea.

12. Ħadd ma jkun kwalifikat li jkun reġistrat fir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea jekk -

(a) ikun interdett jew inabilitat minħabba xi mard tal-moħħ minn qorti fi Stat Membru jew ikun ġie xort' oħra stabbilit fi Stat Membru li jkun ta' moħħ marid;

(b) ikun taħt kundanna ta' priġunerija (tissejjaħ kif tkun imsejħa) ta' iżjed minn tnax-il xahar li tkun ġiet imposta fuqu minn qorti fi Stat Membru jew sostitwita minn awtorità kompetenti għal xi kundanna oħra imposta fuqu minn qorti bħal dik, jew ikun taħt kundanna bħal dik ta' priġunerija li l-eżekuzzjon tagħha tkun ġiet sospiża; jew

(ċ) ikun skwalifikat minn reġistrazzjoni bħala elettur minn jew skond xi liġi f'Malta minħabba li jkun ġie misjub ħati ta' xi reat dwar l-elezzjoni ta' membri tal-Kamra tad-Deputati, membri tal-Kunsilli Lokali jew membri tal-Parlament Ewropew.

Pubblikazzjoni tar-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea.

13. (1) Il-Kummissjoni Elettorali għandha tippubblika r-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea li jkun fih elenku tal-persuni kollha kwalifikati biex ikunu reġistrati hemm fih skond l-artikolu 11.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali dwar il-pubblikazzjoni u t-tiswija tar-Reġistru Elettorali u t-tħassir ta' ismijiet minn fuqu, għandhom kemm-il darba ma jiġix provdut xort' oħra f'dan l-Att japplikaw għar-rigward tar-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea.

(3) Persuna ta' nazzjonalità Maltija li tkun reġistrata fir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea u li tkun kwalifikata biex tiġi reġistrata fir-Reġistru Elettorali għandu jkollha isimha mħassar mir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea meta hi tiġi reġistrata fir-Reġistru Elettorali.

(4) Persuna ta' nazzjonalità Maltija li għal xi raġuni jkollha isimha mħassar mir-Reġistru Elettorali imma tkun kwalifikata biex tiġi reġistrata fir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea għandha, meta jkollha isimha mħassar mir-Reġistru Elettorali, tiġi reġistrata fir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea.

Reġistrazzjoni fir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea.

14. (1) Persuna li titlob li tiġi reġistrata fir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea għandha tiġi hekk reġistrata biss u jkollha jedd li tibqa' hekk reġistrata biss jekk, minbarra li tkun tissodisfa l-ħtiġiet ta' l-artikolu 11, tiddikjara lill-Kummissjoni Elettorali:

(a) li tkun residenti f'Malta;

(b) xi tkun in-nazzjonalità tagħha;

(ċ) id-data meta tkun bdiet toqgħod f'Malta jew f'xi Stat Membru ieħor;

(d) l-indirizz tagħha f'Malta;

(e) il-lokalità jew kostitwenza fl-Istat Membru ta' nazzjonalità tagħha jew f'xi Stat Membru ieħor, jekk ikun il-każ, li fl-Elenku Elettorali tagħha isimha jkun ġie l-aħħar reġistrat;

(f) li tkun se teżerċita l-jedd tagħha li tivvota f'Malta biss;

(g) li ma tkunx ġiet imċaħħda mid-dritt tagħha li tivvota fl-Istat Membru ta' Nazzjonalità tagħha;

u tippreżenta lill-imsemmija Kummissjoni dokument ta' identità validu:

B'dana illi l-Kummissjoni Elettorali jkollha d-dritt, kull meta jidhrilha li jkun hekk opportun, li tirrikjedi persuna li isimha jkun jidher fir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea li tagħmel dikjarazzjoni ġdida kif hawn fuq imsemmi.

(2) Meta persuna tkun tissodisfa l-ħtiġiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-Kummissjoni Elettorali għandha tniżżel isimha fir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea jekk hija tkun sodisfatta li dik il-persuna tkun hekk kwalifikata skond l-artikolu 11.

Skambju ta' informazzjoni konnessa mar-reġistrazzjoni ta' eletturi.

15. (1) Il-Kummissjoni Elettorali għandha tavża lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' Nazzjonalità dwar kull dikjarazzjoni magħmula minn xi persuna skond l-artikolu 14, għall-uniku skop li jiġi verifikat il-kontenut tagħha; u meta skond informazzjoni li tasal mingħand l-Istat Membru ta' Nazzjonalità jkun jirriżulta li l-kontenut

tad-dikjarazzjoni ma jkunx veru, il-Kummissjoni Elettorali ma għandhiex tirreġistra lil dik il-persuna fir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea, jew, jekk dik il-persuna tkun diġà reġistrata, tħassrilha isimha minn fuqu.

(2) Il-Kummissjoni Elettorali għandha tivverifika il-kontenut ta' dikjarazzjonijiet simili li jsiru lill-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra u għandha twasslilhom kull informazzjoni rilevanti li jista' jkollha f'idejha.

(3) L-informazzjoni skambjata skond dan l-artikolu għandha tiġi pprovduta malajr u f'forma u mod adatti u tista' tinkludi biss dawk id-dettalji li huma strettament meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu u tista' tintuża biss għal dawk l-għanijiet.

Tneħħija ta' isem mir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea.

16. Persuna li isimha ikun jidher fur ir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea tista' f'kull waqt, bil-miktub titlob lill-Kummissjoni Elettorali tneħħilha isimha minn fuq dak ir-Reġistru u malli jsir dan isimha għandu jitħassar mir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea.

Eliminazzjoni ta' votazzjoni doppja.

17. (1) Ħadd ma għandu f'elezzjoni għal membri tal-Parlament Ewropew jitfa' l-vot tiegħu f'Malta u f'xi Stat Membru ieħor.

(2) Kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux iżjed minn għaxart elef lira jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(3) Biex tiġi żgurata konformità mas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-Kummissjoni Elettorali għandha, fi żmien biżżejjed qabel il-ġurnata stabbilita għall-votazzjoni, tgħarraf lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' Nazzjonalità ta' persuna elenkata fir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea li tkun għażlet li tivvota f'Malta.

(4) Meta l-Kummissjoni Elettorali tkun irċeviet informazzjoni mingħand l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor li xi persuna, li isimha jkun imniżżel fir-Reġistru Elettorali jew fir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea, tkun ġiet reġistrata fl-Elenku Elettorali ta' dak l-Istat, hija għandha għall-finijiet ta' l-elezzjoni ta' membri tal-Parlament Ewropew tħassar isem dik il-persuna mir-Reġistru Elettorali, jew mir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea, skond il-każ.

Persuni kwalifikati biex jikkontestaw l-elezzjonijiet.

18. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 19, persuna tkun kwalifikata tikkontesta elezzjoni għal membri tal-Parlament Ewropew jekk dik il-persuna tkun reġistrata bħala elettur fir-Reġistru Elettorali jew fir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea:

Iżda uffiċjali pubbliċi jew xi klassi jew klassijiet tagħhom jistgħu jkunu ristretti milli jikkontestaw elezzjoni għal membri tal-Parlament Ewropew mill-Kodiċi dwar il-*Management* tas-Servizz Pubbliku jew regolamenti, regoli jew normi oħra bħal dawk applikabbli minn żmien għal żmien għas-Servizz Pubbliku.

Persuni li mhux kwalifikati jikkontestaw elezzjoni.

19. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Att, ħadd ma jkun ikkwalifikat li jikkontesta elezzjoni għal membru tal-Parlament Ewropew jew, jekk ikun elett, li jibqa' membru ta' dak il-Parlament jekk, sew f'Malta sew f'xi Stat Membru ieħor -

(a) ikun membru ta' xi korp dixxiplinat kif imfisser fl-artikolu 47 (1) tal-Kostituzzjoni jew ta' xi korp korrispondenti ta' xi Stat Membru ieħor;

(b) ikollu kariga li l-funzjonijiet tagħha jkunu jinvolvu xi responsabbiltà għal jew b'konnessjoni mat-tmexxija ta' l-elezzjonijiet ta' membri tal-Parlament Ewropew jew mal-kompilazzjoni jew reviżjoni ta' xi Elenku Elettorali;

(ċ) ikun fallut mhux rijabilitat, wara li jkun ġie ġudikat jew xort'oħra dikjarat fallut skond xi liġi li tkun fis-seħħ;

(d) ikun interdett jew inabilitat minħabba xi mard mentali jew minħabba prodigalità minn qorti jew ikun xort'oħra deċiż li jkun ta' moħħ marid;

(e) ikun qed jiskonta kundanna ta' priġunerija (tkun kif tkun imsejħa) ta' aktar minn tnax-il xahar imposta fuqu minn qorti fi Stat Membru jew ikun taħt sentenza bħal dik ta' priġunerija li l-esekuzzjoni tagħha tkun ġiet sospiża;

(f) ikun membru tal-ġudikatura;

(g) ikun ġie skwalifikat milli jikkontesta għall-elezzjoni ta' membri tal-Parlament Ewropew skond xi liġi li tkun fis-seħħ;

(h) ikun qiegħed jikkontesta bħala kandidat għall-elezzjoni ta' membri tal-Parlament Ewropew fl-istess elezzjoni f'xi Stat Membru ieħor.

Inkompatibilità ta' ċerti uffiċjali.
Kap. 363.

(2) Il-kariga ta' membru tal-Parlament Ewropew hi inkompatibbli ma' dik ta' membru tal-Kamra tad-Deputati jew ta' membru ta' xi Kunsill Lokali taħt l-Att dwar Kunsilli Lokali jew xi istituzzjoni oħra simili jew organu ieħor simili f'xi Stat Membru ieħor, u meta persuna li jkollha xi waħda mill-karigi msemmija tiġi eletta għal xi kariga oħra bħal dik, dik il-persuna għandha, fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mill-pubblikazzjoni tar-riżultati ta' l-elezzjoni għal dik it-tieni kariga, tirrinunzja għal xi waħda minn dawk il-karigi:

Iżda meta persuna tonqos milli tirrinunzja għal xi waħda minn dawn il-karigi fiż-żmien imsemmi ta' ħamest ijiem tax-xogħol, hija għandha titqies bħala li tkun irrinunzjat il-kariga ta' membru tal-Parlament Ewropew.

Disposizzjonijiet dwar kandidat reġistrat fir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea.

20. (1) Kandidat li ismu jkun jidher fir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea għandu, meta jkun qiegħed jippreżenta n-nomina tiegħu bħala kandidat, jagħmel ukoll dikjarazzjoni formali bil-miktub lill-Kummissjoni Elettorali fejn jiddikjara li ma jkunx qiegħed jikkontesta bħala kandidat f'xi Stat Membru ieħor, u għandu wkoll juri lill-Kummissjoni Elettorali dokument ta' identità validu.

(2) Kandidat li ismu jidher fir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea u li ma jkunx ta' nazzjonalità Maltija għandu wkoll jipproduċi lill-Kummissjoni Elettorali dikjarazzjoni mingħand l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' Nazzjonalità tiegħu li tkun tiċċertifika li ma jkunx, ħlief għaliex huwa jkun ġie reġistrat fir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea, ġie mċaħħad mid-dritt li jikkontesta l-elezzjoni f'dak l-Istat Membru jew li dik l-Awtorità ma tkun taf b'ebda skwalifika bħal dik.

(3) Il-Kummissjoni Elettorali għandha tavża lill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru ta' Nazzjonalità bid-dikjarazzjonijiet magħmulin skond is-subartikolu (1) bil-għan waħdieni li jiġi verifikat il-kontenut tagħhom u jekk mill-informazzjoni li tasal mill-Istat Membru ta' Nazzjonalità jirriżulta li l-kontenut tad-dikjarazzjoni mhumiex veri, il-Kummissjoni Elettorali ma għandhiex tirreġistra lill-persuna bħala kandidat, jew jekk hija tkun diġà reġistrata, għandha tħassarlu ismu mil-lista ta' kandidati:

Iżda dak it-tħassir għandu jsir qabel ma jiġu stampati l-poloz ta' votazzjoni:

Iżda wkoll għar-rigward ta' xi persuna bħal dik li tkun ta' nazzjonalità Maltija id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom japplikaw bħallikieku kull referenza hemm fih għal Stat Membru ta' Nazzjonalità kienet riferenza għall-aħħar Stat Membru fejn dik il-persuna kienet toqgħod qabel ma tkun bdiet toqgħod f'Malta.

(4) Il-Kummissjoni Elettorali għandha tivverifika dikjarazzjonijiet simili li jiġu lilha notifikati mill-awtorità kompetenti ta' Stati Membri oħra u għandha tipprovdi lil dawk l-awtoritajiet kompetenti bl-informazzjoni rilevanti.

(5) Informazzjoni skambjata skond dan l-artikolu għandha tiġi pprovduta malajr u b'mod adatt u tista' tinkludi biss dawk id-dettalji li jkunu strettament meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu u tista' tinħareġ biss għal dak l-għan.

Tmexxija ta' l-Elezzjonijiet.

21. (1) Salv kif xort'oħra provdut fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att u salv meta dawk id-disposizzjonijiet huma inkompatibbli mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali u ta' l-Ordinanza Elettorali dwar il-Votazzjoni, għandhom japplikaw għat-tmexxija ta' elezzjonijiet, u għall-għadd ta' voti f'elezzjonijiet, ta' membri tal-Parlament Ewropew.

Kap. 354.
Kap. 102

(2) Il-Kummissjoni Elettorali tista', minn żmien għal żmien, toħroġ direttivi li jkunu jinterpretaw skond ma jkun meħtieġ id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali u l-Ordinanza Elettorali dwar il-Votazzjoni fl-applikazzjoni tagħhom għall-elezzjoni ta' membri tal-Parlament Ewropew taħt dan l-Att. Dawk id-direttivi għandhom ikunu minnufih applikabbli u għandhom jiġu ppubblikati fil-Gazzetta fl-iqsar żmien prattikabbbli.

(3) (a) L-għadd ta' voti jibda f'nofsinhar li jiġi wara l-jum ta' votazzjoni jew f'dak il-ħin jew jum ieħor li l-Prim Ministru jista' b'avviż fil-Gazzetta minn żmien għal żmien jistabbilixxi.

(b) Il-Kummissjoni Elettorali trid tara li r-riżultat ta' l-ewwel għadd tal-voti ma jkunx uffiċjalment mgħarraf ħlief wara l-għeluq tal-votazzjoni fl-Istati Membri kollha.

(4) Il-Prim Ministru jista' b'regolamenti taħt dan is-subartikolu jistabbilixxi l-ogħla nfiq li jista' jsir minn kandidat f'elezzjoni ta' membri tal-Parlament Ewropew jew mill-aġent elettorali tiegħu sew qabel, matul, jew wara elezzjoni minħabba jew għar-rigward tat-tmexxija ta' elezzjoni bħal dik.

Mili ta' vakanzi.

22. Kull meta l-kariga ta' xi membru tal-Parlament Ewropew elett taħt dan l-Att isir vakanti, dik il-vakanza għandha timtela bil-mod provdut bi jew taħt il-liġi li f'dak iż-żmien tkun fis-seħħ f'Malta għall-mili ta' vakanzi ta' membri tal-Kamra tad-Deputati:

Iżda meta vakanza għandha timtela permezz ta' elezzjoni bil-għażla, dik l-elezzjoni bil-għażla għandha ssir mill-Kamra tad-Deputati minn fost il-kandidati li jkunu kkontestaw l-istess elezzjoni.

Skop ta' dan l-Att.

23. Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, ħlief meta l-kontenut ikun jeħtieġ xort'oħra japplikaw biss għar-rigward ta' membri tal-Parlament Ewropew li għandhom jiġu eletti f'Malta.

Emendi konsegwenzjali fl-Att dwar Kunsilli Lokali, Kap. 363.

24. L-Att dwar Kunsilli Lokali qiegħed b'dan jiġi emendat kif ġej:

(a) fl-artikolu 2 tiegħu, minnufih wara t-tifsira "Reġistru Elettorali" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea" għandha l-istess tifsir mogħti lilha bl-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-2003 dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew;";

(b) fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 3 u fl-artikoli 7 u 11 tiegħu minflok il-kliem "Reġistru Speċjali" kull fejn dawn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea";

(ċ) minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 5 tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Kull persuna li tkun ta' nazzjonalità ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea li isimha jidher fir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea li jkun ġie l-aħħar pubblikat u li ma tkunx insabet ħatja ta' xi reat konness ma' l-elezzjoni ta' membri tal-Kunsilli Lokali għandu jkollha jedd tivvota fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali.";

(d) l-artikolu 6 tiegħu għandu jitħassar;

(e) minflok is-subartikoli (5) u (6) ta' l-artikolu 8 tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(5) Jekk l-elezzjonijiet għall-kunsillieri jkunu se jsiru fi żmien erba' xhur minn meta jsiru l-elezzjonijiet ġenerali, l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew jew ir-referenda, l-elezzjoni tal-kunsillieri tista' tiġi posposta jew tiġi avvanzata għal data li tiġi stabbilita mill-Ministru, iżda f'kull każ mhux iżjed tard jew iżjed kmieni minn erba' xhur minn meta jkunu saru dawk l-elezzjonijiet ġenerali, elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew jew referenda:

Iżda, jekk l-elezzjonijiet jiġu hekk posposti jew avvanzati, iż-żmien tal-kariga ta' kunsillieri li jkunu qegħdin iservu fil-waqt ta' dak il-posponiment jew avvanzament

għandu jittawwal jew jitnaqqas bl-istess perjodu daqskemm jiġu posposti jew avvanzati bih l-elezzjonijiet u ż-żmien tal-kunsillieri li jiġu sussegwentement eletti għandu jitnaqqas jew jittawwal bl-istess perjodu daqskemm ikun ittawwal jew tnaqqas iż-żmien tal-kariga tal-kunsillieri ta' qabel.

(6) L-elezzjonijiet għandhom isiru fit-tieni Sibt ta' Marzu jew f'dik id-data li tista' tiġi stabbilita mill-Prim Ministru fil-Gazzetta:

Iżda l-Ministru jista' b'ordni fil-Gazzetta jistipula li elezzjoni tista' tiddewwem jew tinġieb 'il quddiem b'ġimgħatejn mid-data hawn qabel stipulata.";

(f) fl-artikolu 11 tiegħu minflok il-kelma "Estacode" kull fejn tinsab għandhom jidħlu l-kliem "Kodiċi ta' *Management* tas-Servizz Pubbliku";

(ġ) fl-artikolu 12 tiegħu:

(a) minnufih wara l-kliem "membru tal-Kamra tad-Deputati" fil-paragrafu (a) tiegħu, għandhom jiżdiedu l-kliem "jew ta' xi istituzzjoni simili f'xi Stat Membru ieħor ta' l-Unjoni Ewropea";

(b) minnufih wara paragrafu (a) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(aa) tkun membru tal-Parlament Ewropew"; u

(ċ) fil-paragrafu (ċ) tiegħu minnufih wara l-kliem "membru ta' Kunsill Lokali ieħor" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew ta' xi istituzzjoni simili fi Stat Membru ieħor";

(h) fis-subartikoli (1) u (2) ta' l-artikolu 47A, fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 72 u fl-artikolu 78, tiegħu minflok il-kliem "l-Ħdax-il Skeda" għandhom jidħlu l-kliem "d-Disa' Skeda";

(i) fit-Tielet Skeda, dan il-proviso li ġej għandu jiżdied mas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 34:

"Iżda wkoll meta elezzjoni bħal dik tkun tikkoinċidi ma' xi elezzjoni ġenerali, referendum jew elezzjoni tal-Parlament Ewropew, il-ħin ta' l-għeluq tal-votazzjoni għandu jiġi estiż u jkun l-istess bħall-ħin ta' l-għeluq tal-votazzjoni għall-

elezzjonijiet ġenerali, referenda jew elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew skond il-każ.";

(j) id-Disa' Skeda li tinsab miegħu għandha titħassar; u

(k) il-Ħdax-il Skeda li tinsab miegħu għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala d-Disa' Skeda li tinsab miegħu, u għandha tidher fl-ordni numeriku adatt kif enumerata mill-ġdid.

L-Ewwel Skeda

(Artikolu 9)

Forma ta' Avviż mill-Kummissjoni Elettorali.

Il-Kummissjoni Elettorali mwaqqfa skond l-artikolu 60 tal-Kostituzzjoni qegħda b'dan tavża li bis-saħħa ta' dak provdut fl-Att ta' l-2003 dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, sejra ssir elezzjoni nhar is-Sibt,.....

It-Tieni Skeda

(Artikolu 21)

Disposizzjonijiet li Jirregolaw it-Tmexxija ta' Elezzjonijiet għal Membri tal-Parlament Ewropew

1. Applikazzjoni ta' l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, Kap. 354.

L-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, inkluż l-Iskedi li jinsabu miegħu u r-regolamenti magħmulin taħtu, għandhom japplikaw għall-elezzjoni ta' membri tal-Parlament Ewropew bħallikieku:

(a) kemm-il darba ma jiġix xort'oħra determinat mill-Kummissjoni Elettorali minħabba fir-rabta tal-kliem tagħhom, referenzi fl-Att għal elezzjoni, elezzjoni ġenerali jew elezzjoni tal-membri tal-Kamra tad-Duputati kienu referenzi għal elezzjonijiet tal-membri tal-Parlament Ewropew;

(b) kemm-il darba ma jiġix xort'oħra determinat mill-Kummissjoni Elettorali minħabba fir-rabta tal-kliem tagħhom, referenzi fl-Att għal kandidati kienu referenza għal kandidati għall-elezzjoni bħala membri tal-Parlament Ewropew;

(ċ) kemm-il darba ma jiġix xort'oħra determinat mill-Kummissjoni Elettorali minħabba fir-rabta tal-kliem tagħhom, referenzi fl-Att għat-trasferiment tar-reġistrazzjoni ta' elettur f'Taqsima II ta' l-Att tinkludi t-trasferiment ta' reġistrazzjonijiet bejn ir-Reġistru Elettorali u r-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea u viċi-versa;

(d) kemm-il darba ma jiġix xort'oħra determinat mill-Kummissjoni Elettorali minħabba fir-rabta tal-kliem tagħhom, referenzi fl-Att għal distretti jew distretti elettorali kienu referenzi għat-territorju ta' Malta bħala distrett elettorali waħdieni taħt dan l-Att;

(e) kemm-il darba ma jiġix xort'oħra determinat mill-Kummissjoni Elettorali minħabba fir-rabta tal-kliem tagħhom, referenzi fl-Att għar-Reġistru

Elettorali kienu referenzi għar-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea, jew skond ir-rabta tal-kliem, ukoll għar-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea;

(f) kemm-il darba ma jiġix xort'oħra determinat mill-Kummissjoni Elettorali minħabba fir-rabta tal-kliem tagħhom, referenzi fl-Att għal eletturi u eletturi reġistrati tinkludi eletturi reġistrati fir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea;

(ġ) in-numru ta' aġenti distrettwali li għandhom jiġu nominati minn kull partit politiku skond l-artikolu 61A (1) ta' l-Att kien numru daqs l-għadd ta' distretti elettorali li Malta kienet maqsuma fihom fl-aħħar elezzjoni ġenerali li tkun saret minnufih qabel ma ssir l-elezzjoni ta' membri tal-Parlament Ewropew;

(h) in-numru ta' aġenti għall-għadd li għandhom jiġu nominati mill-partiti politiċi skond l-artikolu 89 (2) ta' l-Att kien dak in-numru daqs l-għadd ta' persuni li jgħoddu li jintużaw mill-Kummissjoni Elettorali fil-waqt inkwistjoni;

(i) referenza għar-*Writ* fl-Att kienet referenza għall-Avviż maħruġ mill-Kummissjoni Elettorali skond l-artikolu 9 ta' dan l-Att;

(j) l-artikoli 15 sa 18, 77(2), 103, 104(2) sa 104(4), u 109 ta' l-Att kienu mħassra; u

(k) fit-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att kull referenza għat-trasferiment tal-voti bejn id-distretti kienet imħassra.

2. Kif tapplika l-Ordinanza Elettorali dwar il-Votazzjoni, Kap. 102.

L-Ordinanza Elettorali dwar il-Votazzjoni għandha tapplika għall-elezzjoni ta' membri tal-Parlament Ewropew bħallikieku r-referenzi fl-Ordinanza għal elezzjoni u elezzjoni tal-Kamra tad-Deputati kienu referenzi għall-elezzjoni ta' membri tal-Parlament Ewropew:

Iżda għall-finijiet ta' l-elezzjonijiet ta' membri tal-Parlament Ewropew ir-referenza għal sitt mitt lira u tliet elef lira fl-artikolu 46 ta' l-Ordinanza kienu referenza għal dik is-somma li l-Prim Ministru jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi taħt l-artikolu 21 (4) ta' dan l-Att.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 64 tal-25 ta' Novembru, 2003.

ANTON TABONE
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati